MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 109/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**John Mary Axiaq**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

John Mary Axiak, iben John u Josephine nee Axiak, imwieled Pieta nhar it-28 ta’ Gunju 1972, residenti 160, Triq il-Kbira, Zabbar, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 297572(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-14 t’April 2008 u matul dawn l-ahhar sentejn ta’ qabel din id-data:

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga heroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga heroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. talli sar ricediv b’sentenza tal-Qrati tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. datata 16 ta’ April 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistghux tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-14 ta' April 2008, kmieni wara nofs-in-inhar il-Pulizija marru fir-residenza 160, Triq il-Kbira, Zabbar, fejn kellhom informazzjoni li kien qed isir abbuz tad-droga.
2. Fil-post sabu lill-imputat u hames persuni ohra, fosthom Keith Gauci u Brian Busuttil.
3. Saret tfixxija fir-residenza u fuq il-bejt, il-Pulizija sabu basket li fih kellu affarijiet relatati mat-tehid tad-droga. F'dan il-basket instabu erbatax (14)-il sachet ta' droga eroina vojta u kwantita kbira ta' foil li fuqu kienet giet imsajjra d-droga eroina.
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu jabbuza d-droga l-eroina, u dawk l-erbatax (14)-il sachet li instabu fil-basket kien abbuza minnhom hu. L-imputat cahad li qatt biegh id-droga. Huwa qal ukoll li r-residenza 160, Triq il-Kbira, Zabbar kienet id-dar tieghu, u kien ilu jghix hemm minn dejjem, cioe minn meta kien zghir.[1]

[1] Ara stqarrija tal-imputat ezebita bhala Dok FF a fol. 14 tal-process.

5. Ma nstabet l-ebda droga fuq il-persuna ta' Keith Gauci u Brian Busuttil li instabu fil-post flimkien mal-imputat. Pero dawn irrilaxxaw stqarrija guramentata fejn xehdu li gieli xtraw id-droga eroina minghand l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fl-ewwel lok, din il-Qorti trid taghmilha cara li hi se tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha fuq dak li irrizulta mill-provi prodotti miz-zewg partijiet. Ghalkemm dan jista' jinstema' ovvju, dan qed jinghad, ghax fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ghamlet diversi allegazzjonijiet ta' fatt li ma jirrizultawx mill-provi, liema allegazzjonijiet mhux se jigu konsiderati minn din il-Qorti, ghax huma sempliciment allegazzjonijiet.

Ix-xhieda principali kontra l-imputat kif inghad huma Keith Gauci u Brian Busuttil, li t-tnejn ikkonfermaw quddiem din il-Qorti, l-istqarrija guramentata li ghamlu fl-2008.

Keith Gauci xehed li xi sena u nofs qabel ma gie arrestat mill-Pulizija fir-residenza tal-imputat, huwa ghamel xi sitt (6) xhur jixtri d-droga heroina minghand l-imputat. Huwa kien jixtri xi darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha u kull darba kien jixtri pakkett. Gauci xehed li hu waqaf jiehu d-droga, pero huwa jixtri xi antikitajiet u erba' xhur qabel terza persuna haditu ghand l-imputat, minghajr ma kien jaf li kienet l-istess persuna li minghandha kien jixtri d-droga. Gauci jghid hekk *"Jimmy staqsieni ghalfejn ili ma nidher u jien kont ghidtlu li jiena waqaft u jiena clean u hu qalli li jixtieq jieqaf ukoll u li jrid jieqaf jbiegh ghax kienu qed jmorru hafna nies ghandu biex jixtru u kienu qed jgibuh hot ... ..."* Dak in-nhar li gie arrestat mill-pulizija fir-residenza tal-imputat huwa kien mar ghand l-imputat biex jurieh xi pitturi.[2] Keith Gauci ikkonferma din ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.[3]

Brian Busuttil xehed li xi xahar qabel ma gie arrestat mill-Pulizija fir-residenza tal-imputat, huwa xtara d-droga eroina minghand l-imputat. Huwa xtara darbtejn – pakkett ta' 0.2 grammi kull darba li ghalihom hallas Lm5.00 kull pakkett. Busuttil xehed li hu kien qed jipprova jaqta' l-vizzju tad-droga,

[2] Ara stqarrija guramentata ta' Keith Gauci fil-*proces verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 10 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Keith Gauci a fol. 44-45 tal-process.

u dak in-nhar li gie arrestat mill-Pulizija fir-residenza tal-imputat, kien mar ghandu biex jara xi pitturi.[4] Huwa ikkonferma din l-istqarrija guramenta quddiem din il-Qorti.[5]

Ix-xhieda ta’ dawn iz-zewg persuni hija cara u konsistenti, u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m’ghandhiex tqisha attendibbli. F’dan il-kaz, lanqas jista’ wiehed jargumenta li dawn ix-xhieda xehdu kif xehdu biex jibbenifikaw minn mitigazzjoni fil-piena taht l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, ghaliex il-pulizija ma sabu l-ebda droga fil-pussess taghhom, u ghalhekk ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali kontrihom.

Ix-xhud Jean Cali, rapprezentanta tal-Caritas xehdet li qabel dahal jaghmel il-kors ta’ ri-abilitazzjoni mid-droga l-imputat kien jghix go *“kamra qisha go ghar minghajr dawl u ilma”* u peress li ma kellux flus biex jixtri l-ikel, u kien jaghti d-droga in kontrokambju ma *“xi haga tal-flus jew xi te jew kafe jew biex jiekol.”* Pero l-istess xhud ammettiet li dan kien fil-perjodu qabel dahal jaghmel il-kors fit-2 ta’ Gunju 2011, u ma kienitx taf kif kien jghix fl-2008. [6]

Din certament ma jirrizultax mill-provi li kienet is-sitwazzjoni tal-imputat fl-2008, minn fejn jirrizulta li mhux biss kien jispacca d-droga imma wkoll kien jinnegozja fl-antikitajiet u l-pittura. Fil-fatt, fl-istqarrija tieghu stess, l-imputat jammetti li Keith Gauci imur ghandu biex jixtri l-antikitajiet u jurih il-pittura.[7]

Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss – ghax frankament din il-Qorti issibha difficli li temmen li l-imputat kien ibiegh id-droga biex ikun jista’ jixtri l-ikel – kellu jigi accettat li l-imputat kien jaghmel dan, dan l-agir xorta wahda jaqa’ fid-definizzjoni ta’ traffikar taht l-Artikolu 22(1B), li jippreskrivi illi *“(1B) Għall-finijiet ta’ din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza għal traffikar f’mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f’dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed*

[4] Ara stqarrija guramentata ta’ Brian Busuttil fil-proces verbal ezebit bhala Dok OD a fol. 10 tal-process.
[5] Ara xhieda ta’ Brian Busuttil a fol. 34 tal-process.
[6] Ara xhieda ta’ Jean Cali a fol. 57-59 tal-process.
[7] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 15 tal-process.

*minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghaldaqstant il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni kontra tieghu.

Rigward it-tielet imputazzjoni u cioe dik tar-recidiva din tirrizulta mis-sentenza ezebita mill-Prosekuzzjoni.[8]

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta illi l-imputat ghandu tlett kundanni minn dawn il-Qrati li wahda minnhom hija ta' ricettazzjoni u l-ohra ta' pussess semplici tad-droga eroina.

Skont ix-xhieda ta' Keith Gauci, huwa dam jixtri minghand l-imputat sitt xhur u kien jixtri zewg jew tlett pakketti fil-gimgha. Ghalhekk, fl-ahjar ipotesi ghall-imputat dan ifisser li f'dawn is-sitt xhur Gauci xtara medja ta' 48 pakketti eroina (2 pakketti x 24 gimgha) minghand l-imputat. Min-naha l-ohra Busuttil xtara zewg pakketti biss. Ghalhekk it-total ta' pakketti mibjugha mill-imputat hija ta' hamsin pakkett eroina.

Il-ligi thares b'lenti severa ferm lejn it-traffikar tad-droga, zghir kemm hu zghir, tant li fejn jigi ippruvat traffikar, idejn il-Qorti ghar-rigward ta' piena hija marbuta, u m'ghandhiex xelta hlief li timponi piena ta' habs effettiv u multa kumulattivament. Dan ghaliex l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 jaghmilha cara li "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i): ... ..." Dan ifisser li f'kaz ta'

[8] Ara fol. 19 tal-process.

sejbien ta' htija ta' traffikar, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tati inqas mill-minimu tal-piena, ma tistax taghti sentenza sospiza u lanqas tista tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation.

Fil-kaz odjern, ma jistghax jitqies li t-tieni imputazzjoni tal-pussess semplici tad-droga hija assoribita fl-ewwel imputazzjoni tat-traffikar, ghaliex l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu stess li hu kien jabbuza mid-droga eroina ukoll.

In vista tal-fatt li l-imputat huwa recidiv, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad.

Huwa veru li jidher li l-hati issa qabad it-triq it-tajba u kien qieghed jaghmel programm residenzjali fi hdan l-Agenzija Caritas u jidher li sejjer tajjeb.[9] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta'*

[9] Ara xhieda ta' Jean Cali a fol. 56 tal-process.

*reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Ghall-istess raguni, ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni id-disa' xhur li mill-provi jirrizulta li l-hati ghamel fil-programm residenzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101, r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tal-fatt li mill-atti ma' jirrizultax li f'dan il-kaz gew inkorsi spejjez ghal hatra ta' esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati maghha ezebiti, taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------